# Kunsill Lokali Gżira

17 ta' Jannar 2022

**Ref Nru. 40/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 40/2021 li saret it-Tnejn 20 ta' Decembru 2021

Il-Kunsill ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5.30pm.

**Preżenti**

Tmien membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jessica Borg u Shaun Farrugia flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Jeremy Cardona gie skuzat.

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 17 ta' Novembru 2021

**40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

40.1.1 L-ittri ta' apoloġiji gew moqrija.

**40.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

40.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 25 ta' Novembru 2021 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

40.2.2 Paġna Nru.2 para 39.2.2 – Public Convenience – Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa fuq aġġornament tal-Public Convenience. L-Agent Segretaru Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għadu qed jissilet sabiex iċaqlaq il-meters. Hawn is-Sindku qal li hu kellem personali lil Inginier ta l-Arms sabiex isir ix-xogħol minnufih.

40.2.3 Paġna Nru.2 para 39.2.4 – Pjazza Meme Scicluna – Il-Kunsillier N.Cethcuti staqsa ghal aġġornament fuq il-permess, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li TM tagħat in-'No Objection' tagħha Sadanittant il-Planning Authority talbet xi documentazzjoni oħra, li qiegħed jieħu ħsiebha il-perit.

40.2.4 Paġna Nru.4 para 39.2.5 – Christams Lights – Il-Kunsillier N.Cethcuti qal li l-armar ta' Sliema Road baqa' ma sarx. Is-Sindku issuġġerixxa li s-sena d-dieħla din id-deċizjoni titiehed qabel u b'hekk il-kunsill ikun f'puzizzjoni li jikkonferma dawn ix-xogħlijiet.

40.2.5 Paġna Nru.5 para 39.2.6 – Cameras tat-Toroq – L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat il-kunsill li l-ewwel fazi ta' l-installazzjoni saret l-ewwel gimgħa ta' Dicembru u is-sistema ser tiġi iccertificata fil-jiem li ġejjin. It-Tieni fazi tal-progett ser titkompla fil-bidu tas-sena id-dieħla.

40.2.6 Paġna Nru.2 para 39.2.8 – President Fun Run – Il-Kunsillier N.Chetchti ta aġġornament fuq il Fun Run li saret fil-21 ta' Novembru u issuġġerixxa li l-Kunsill jibda jorganizza mixja simili kull sena.infurma lil Kunsill li waqt il-Fun Run, inġaret is-somma ta' € 72,000 mil-lokalitajiet kollha.

40.2.7 Paġna Nru.3 para 39.2.9 – L-Sqaq tal-Housing Estate – Is-Sindku infurma lil Kunsill li x-xogħlijiet ipjanati fl-sqaq tal-Housing Estate saru. Kompla jgħid li l-fanali ippjanati jistaw jiddahlu mal-progett ta' Triq Manoel De Vilhena, fejn il-kunsilliera qablu.

40.2.8 Paġna Nru.4 para 39.3.7– Skemi/Fondi tar-Regjun – Il-Sindku flimkien ma l-Agent Segretarju Ezekuttiv ta' aġġornament ta' kif intefqu il-fondi tar-Regjun imsemmija fil-laqgha precedenti.

- Skema 1/2029 – Orgni ghal-Knisja - € 22,000
- Skema 1/2019 – Public Convenience - € 14,000
  FONDI MILL-ALLOKAZZJONI TAL-K.R.Ċ. GĦAS-SENA 2019
- Skema 6/2020 – Skola St.Clara/Mount Carmel Band Club) - € 9,150
  SKEMA FINANZJARJA GĦAL AVVENIMENTI LI HUMA SOĊJO KULTURAL
- Skema 8/2020 – Mount Carmel Band Club - € 2,000
  SKEMA FINANZJARJA – GĦAJNUNA GĦALL-GĦAQDIET FIL-LOKALITAJIET
- Skema 10/2020 – Skola St.Clara - € 3,000
  PROĠETT ĠENERALI
- Skema 2/2021 – Mount Carmel Band Club - € 2,000
  Servizz ta' Tagħlim fil-Mużika mgħotija mill-Każini tal-Baned fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru
- Skema 2/2021– Tizjin tal-Milied (Victor Tedesco) - € 3,000
  Skema Finanzjarja għal Xiri jew Kiri ta' Tiżjin tal-Milied 2021

Il-Kunsill qabel u approva il progetti kollha.

40.2.9 Paġna Nru.4 para 39.6.2 – Ammont ta' PermessiL – Wara kunsiderazzjoni ta kif mexa' il-process b'ammont imnaqqas ta' permessi, il-Kunsill iddecieda li jerġa ibiddel is-sistema kif kienet qabel.

40.2.10 Il-Vici Sindku R.Mangion ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 39 jiġu approvati. Il-kunsillier N.Cethcuti ssekondaħ.

**40.3 Bonus u Progressjoni ta' l-Istaff**

40.3.1 Bonus ta' l-Istaff – Is-Sindku semmgha li bħal kull sena il-Kunsill qed jintalab japprova il-bonus ta' l-Istaff kollu, incluz dak ta' L-Agent Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-bonus għandu jingħata kollu. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu ukoll li din is-sena, meta ċ-ċirkostanzi waslu għal telfa ta' membru, l-amministrazzjoni xorta waħda irnexxiela tati servizz xieraq lil-lokalita u ta' dan irringrazzjatu.

40.3.2 **Progressjoni ta' l-Istaff** – L-Agent Segretarju Exekuttiv flimkien mas-Sindku infurmat lil Kunsill, li Cathleen Diacono waslet ghal progressjoni minn Skala 13 għal Skala 10. Il-Kunsill gie mitlub jagħti l-approvazzjoni tieghu, fejn dan ingħata b'mod unanimu.

**40.4 Komunikazzjoni tas-Sindku**

40.4.1 Traffic Management Triq Ponsomby – Il-Kunsill gie mitlub jiddiskuti u japprova t-Traffic Management ta' l-ST Properties kif gie ipprezentat lil Transport Malta. Il-Kunsill ikkonkluza li jagħti l-approvazzjoni tieghu fuq kundizzjoni li filgħaxija u matul il-lejl il-parking spaces ikunu accessibli għar-residenti.

40.4.2 Ikel tad-Dog Feeders – Is-Sindku infurma lil-Kunsill li kien hemm arrangament ma' l-Animal Welfare li jithallas 50% ta l-ispiza tal-feeders fuq l-ikel. Għalkemm imnizzla fuq il-kuntratt, l-Animal Welfare qedin jgħidu li dawn ma kienux imnizzla fil-kuntratt. Is-Sindku qed jikkomunika mad-dipartiment sabiex jikkjarifika dan il-punt. Aġġornament għadu jingħata fil-laqgha li jmiss.

40.4.3 Guggen Band bħala attivita tal-Milied – Is-Sindku wera interess li jintroducu l-Guggen Band fil-lokalita bħal attivita tal-Milied. Madanakollu huwa tard sabiex tinstab il-gurnata mixtieqa minhabba disponibilita. Għaldaqstant din l-inizzjattiva ser tiġi ipposponuta għas-sena d-dieħla.

**40.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

40.5.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**40.6 Rapporti**

40.6.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport.

**40.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

40.7.1 Il-Kunsillier S.Farrugia stqar li x-xogħol li qed jagħmel fil-lokalita Charles Spagnol f'dak kollu li għand x'jaqsam maintanance huwa impeccabli. Is-Sindku qabel u ikkonferma li mhux talli ix-xogħol isir b'mod immedjat, talli x-xogħol li jsir huwa tajjeb ferm u mingħajr supervizjoni ta' xejn. Il-Kunsilliera kollha qablu ma dan it-tifhir.

40.7.2 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa l-agħrar fi triq x-Xatt, fejn is-Sindku semmgħa li kienet saret spezzjoni fuq il-calverts fejn irrizulta li ma jistax jitranga. Is-Sindku kompla jgħid li hemm bzonn infrastruttura gdida li ma taqax taħt id-devoluzzjoni tal-kunsill. Minn naħa tal-Infrustructure Malta għad m'hemm xejn pjanat. Diskussjonijiet fuq tali progett kienu nbdew imma ma tkomplewx. Is-Sindku jittama li jergaw jinbdew l-iktar fiss possibli.

40.7.3 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa li hemm bżonn li certu bankini jiġu irranġati minħabba l-istat li qedin fiħ. Madanakollu is-Sindku qal li toroq godda ma jaqawx taht il-Kunsill, lanqas il-Kunsill ma għandu fondi sabiex jithol għal tali progetti.

40.7.4 Il-Kunsillier S.Farrugia semmgħa li għad hemm ammont sostanzjali ta' maskli disponibbli il-kunsill. Minħabba li għad hemm residenti li ma jafux li l-Kunsill qed iqassam il-maskli. Għaldaqstand il-Kunsill iddiskuta modi differenti ta' kif setgħa jagmel dan, fosthom l-informazzjoni moddija bieb bieb.

40.7.5 Il-Kunsilliera qablu li hemm il-bzonn li l-Kunsill jaddi iktar informazzjoni lir-resident, fosthom is-servizzi li jimprovdi tali kunsill lir-residenti tal-Gzira. Dan sa jibda jsir permezz ta' booklet imqassam f'kull resident kull tliet xhur, Marzu, Ġunju, Settembru u Dicembru.

**40.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

40.8.1 Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa fuq il-pagamenti tal-Konferenza. Is-Sindku ikkonferma li l-Kunsill ser jingħata lura l-ispejjez kollha tal-konferenza.

40.8.2 Il-Kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-pagament tal-ATG, fejn is-sindku spjeġa li hija maġna tal-qalb f'kas ta' emergenza. Din ukoll imhalsa minn fondi tar-regjun. Dwar dan is-suggett il-Kunsillier A.Zammit issuggerixxa li l-Kunsill jagħmel disponibilita ta' din il-magna f'postijiet prominenti fil-lokalita bhal l-iskola. Madanakollu l-Agent Segretarju Ezekuttiv sostniet li għal tali progett hemm bzonn finanzjament sostanzjali. Hija issuggerit li jinxtraw bi pjan u f'fazijiet.

40.8.3 Il-Kunsillier A.Zammit ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier I.Buhagiar ssekonda.

**40.9 Mozzjonijiet**

40.9.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**40.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

40.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 7.20pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-Il-Ħamis 20 ta' Jannar 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Jannar 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Claire Goodlip<br>Aġent. Segretarju Eżekuttiv |